MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2004

Numru 1053/2002

**Il-Pulizija**
**Spettur Raymond D'Anastas**
v

**SEBASTIAN VELLA**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **SEBASTIAN VELLA** ta' hamsa w erbghins sena bin il-mejjet Paul u Georgia nee Mangion, imwieled Hal-Qormi nhar d-disgha ta'Gunju 1957 u joqghod 16, 'Redentur', Sqaq il-Vitorja, Hal Qormi, detentur tal-karta tal-identita numru 382357M gie mressaq quddiemha akkuzat talli fis-sitta w ghoxrin ta' Ottubru 2002 ghall-habta tal-hdax ta' bil-lejl, f'Hal Qormi, voluntarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u dan meta ghamel hsara fuq vettura tal-marka Fiat bin-numru ta' registrazzjoni IBA 943 liema

hsara ma tiskorrix l-hames mitt lira maltin imma hija ta' izjed minn hamsin lira maltin ghad-dannu ta' Maria Seguna.

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, filwaqt li kien qed jaghmel delitt kontra l-proprjeta u/jew kontra l-persuna, kellu fil-pussess tieghu strument li jaqta u bil-ponta.

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kellu fil-pussess tieghu strument li jaqta u bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurata ta' Carmel Vella u Maria Seguna.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-kunsens tal-Avukat Generali datata sebgha w ghoxrin ta' Dicembru 2002 a fol 6 tal-atti markat bhala dokument CSH 3.

Semghet ix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Semghet lil partijiet jirrimettu ruhu ghal provi fl-atti.

Ikkunsidrat:

Illi **nhar l-ghoxrin ta' Frar 2003 xehed l-Ispettur Raymond D'Anastas** kif jirrizulta a fol 8 et seq tal-atti fejn qal li fis-sitta w ghoxrin ta' Ottubru 2002, kien dahal rapport l-Ghassa tal-Pulizija Hal Qormi minn certu Carmel Vella li huwa kien gie mhedded w imsawwat minn huh Sebastian. Dan Carmel Vella rrapporta wkoll li Maria Seguna kienet sofriet xi hsarat fil-vettura taghha kogjonati mill-istess Sebastian Vella. Ghalhekk, kompla jixhed l-Ispettur Raymond D'Anastas, baghat ghal Bastjan xi granet wara fejn dan minn naha tieghu cahad dak li gie allegat fil-konfront tieghu u zied jghid li effettivament kien hu li kien gie msawwat minn Carmel Vella. Carmel Vella kien ippresenta certifikat mediku dwar il-feriti li ssubixxa u stima tal-hsarat li sofriet Maria Seguna. Kemm Carmel Vella kif wkoll Maria Seguna sostnew li l-imputat kellu mus u cioe strument li jaqta u bil-ponta u li l-hsarat li sofriet Maria Seguna kienu gew kagjonati b'dan il-mus. It-tnejn li

huma stqarrew mieghu li lil imputat rawh jikkaguna l-hsarat bil-mus fil-vettura ta' Maria Seguna.

Illi **nhar l-ghoxrin ta' Frar 2003 xehed PS 175 George Pace** kif jirrizulta a fol 12 et seq tal-atti fejn qal li huwa kien is-Surgent l-Ghassa meta nhar s-sitta w ghoxrin ta' Ottubru 2002 kien mar Carmel Vella biex jaghmel rapport li kellu argument ma huh Sebastian Vella u li Maria Seguna, l-habiba tieghu kienet wkoll involuta fl-incident u in effetti sofriet diversi hsarat fuq il-vettura taghha tal-ghamla Fiat bin-numru ta' registrazzjoni IBA 943. Huwa gie moghti certifikat mediku rilaxxjat minn Doctor D. Vella Baldacchino liema certifikat mediku jinstab esibit fl-atti markat bhala dokument PS 1 a fol 17 u stima mahruga minn New Waldorf Garage esibita a fol 20 tal-atti markata bhala dokument PS 2.

Illi **nhar l-ghoxrin ta' Frar 2003 xehed Emanuel Arpa** kif jirrizulta a fol 18 et seq tal-atti fejn qal li hu jahdem bhala foreman mas-socjeta UCIM. Dan ix-xhud ikkonferma d-dokument PS 2 bhala dokument mahrug minnu u fil-fehma tieghu ikkwalifika l-hsarat fl-ammont ta' mija hamsa w sebghin lira maltin. Spjiega li d-daqqa li ezamina fuq il-vettura tal-ghamla Fiat bin-numru ta' registrazzjoni IBA 943 kellha daqqa bil-ponta mniffda minn naha ghal ohra bit-tapezzerija b'kollox minn fuq ghal isfel u dan fuq is-saqaf fuq in-naha tal-passiggier fuq in-naha ta' wara.

Illi **nhar l-ghoxrin ta' Frar 2003 xehed Georgia Vella** kif jirrizulta a fol 21 et seq tal-atti fejn qalet li hija tigi omm l-imputat u omm Carmel Vella u tiftakar li kien hemm incident bejn iz-zewgt itfal taghha. Qalet li kienet semghet diversi ghajjat u f'xi hin rat lil Carmel Vella b'xi injama f'idejh u fid-daqqa w il-hin rat li Sebastian Vella l-imputat, gej bid-demm f'rasu u grif f'idejh u meta staqsietu x'kien gara, qalilha li kein qala daqqa minghand huh Carmel Vella b'injama fu rasu. L-incident per se hi ma ratux isehh u mistoqsija jekk ratx lil imputat jaghti daqqiet fuq xi saqaf ta' karozza, hija stqarret li ma rat xejn minn dan. Qalet li semghet lil Carmel Vella jghid waqt li kien ser javvinca lil huh Sebastian, li kien ser joqtlu bis-sikkina.

Illi **nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Frar 2003 xehed Carmelo Vella** kif jirrizulta a fol 24 et seq tal-atti fejn qal li fis-sitta w ghoxrin ta' Ottubru 2002, ghall-habta tas-saghtejn ta' filghodu, semgha lil huh Sebastian Vella jghajjat. Spjiega li huh jghix ma gembu. Wara ftit gie wara l-bieb tieghu u qallu li xtaq jkellmu. Fetahlu, telgha fuq u bdew jitkellmu fuq il-kwistjoni li ghandhom ta' wirt. Fil-frattemp, l-imputat qabad r-ritratt ta' missieru u tefghu mal-art u qal kliem fis-sens li jobghodu. Qal li kellu drink u ghalhekk tfixkel fit-tapit, ha daqqa go rasu mal-gwardarobba, hareg flick-knife mill-but u qallu '*b'dan inxoqqok*'. Hareg 'l barra u beda jaghti fuq il-vettura ta' Maria Seguna, t-tfajla tieghu u jghajjarha li hi 'pogguta'.

Illi **nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Frar 2003 xehdet Mary Seguna** kif jirrizulta a fol 26 et seq tal-atti fejn qalet li hija tiftakar l-incident meta l-imputat dahal fid-dar tal-habib taghha Carmel Vella u kellu xi jghid mieghu. Qalet li f'xi hin dan tefgha ritratt ta' missierhu mal-art u Carmel keccih 'l barra. Spjiegat li hija ma kienetx rieqda u marret taghmel l-café filwaqt li Carmel Vella jghid li kienet rieqda u ma jsemmi xejn dwar café. Din ix-xhud tghid li l-imputat waqa mal-art barra t-triq izda Carmel Vella jghid li tfixkel fit-tapit. Kemm hi kif wkoll Carmel Vella pero jghidu li raw lil imputat jiftah mus u jniffed il-karozza taghha bih u jikkaguna hsarat fl-ammont ta' mija hamsa w sebghin lira skond d-dokument PS 2 esibit fl-atti. Mistoqsija fi x'hin kien l-incident, kemm Maria Seguna kif wkoll Carmel Vella it-tnejn jghidu il-Qorti li l-incident sara wara s-saghtejn ta' filghodu filwaqt li minn ezami tar-rapport tal-Pulizija esibit fl-atti a fol 16, jirrizulta li huwa rrapporta l-incident bhala li sar fil-hdax. Jirrizulta wkoll minn ezami tal-okkorrenza, li Sebastian Vella sofra feriti f'rasu skond ma ccertifika Doctor D. Vella Baldacchino fid-dokument PS 1 esibit fl-atti a fol 17. Meta l-Pulizija a tempo vergine staqsew lil imputat kein sofra dawk l-feriti huwa qalilhom li kien ser jdahhal il-vettura tieghu fil-garaxx u gie aggredit minn huh Carmel Vella.

Illi **nhar l-ewwel ta' Dicembru 2003 xehed l-imputat** kif jirrizulta a fol 35 et seq tal-atti fejn qal li huwa kien qed jpejjep sigarett fil-veranda tieghu u Carmel Vella fetah t-

tieqa u qallu 'x'int taghmel, qisek iccassat !' u talbu biex jitkellmu fuq il-wirt u ghalhekk talbu biex imur s'ghandu. Huwa mar ghandu u waqt li kien hemm jhares lejn t-television, huwa aggredit minn wara, qalbu mal-art u waqt li kien niezel, huh imbuttah, waqa mal-art u tah b'sikkina fuq idu x-xellugija. Wara qabad xi haga u beda jaghtih fuq rasu biha. Ommu waslet hdejhom u rat x'kien qed jigri u flimkien nizlu jghamlu rapport l-Ghassa u sussegwentement marru l-isptar biex jigi mdewwi. Huwa cahad b'mod kategoriku li f'xi hin mess xi karozza u kkonferma wkoll li l-incident sehh ghal habta tal-hdax u kwart ta' bil-lejl.

Illi **nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Gunju 2004 xehdet Doris Gauci** kif jirrizulta a fol 44 et seq tal-atti fejn qalet li hija tigi oht l-imputat. Hija kkonfermat li fis-sitta w ghoxrin ta' Ottubru 2002, ghall-habta tat-tlieta w nofs ta' filghodu kien cemplilha huha l-imputat mill-isptar u talabha sabiex tmur tigbru minn hemm ghaliex huha Carmel Vella kien hebb ghalih. Din ix-xhud kkonfermat li l-impuat kellu ferita fuq idejh u ohra f'mohhu. Dawn il-feriti jinstabu deskritti fic-certifikat mediku esibit bhala *abrasion left front pareilal area* u *linear abrasions left forearm 3 to 4 inches long* u *minor abrasion on head*.

Il-Qorti hija ghalhekk rinfaccjata b'zewg versjonijiet ta' fatti, dik esposta mill-Prosekuzzjoni li l-imputat principalment ikkaguna voluntarjament hsarat fil-vettura ta' Maria Seguna u c-cahda totali tal-imputat. Illi ghalhekk kollox jiddependi **biss** fuq il-kredibilita tax-xhieda. Din il-Qorti ghalhekk ghamlet apprezzament tax-xhieda ai termini tal-artikolu 657 tal-Kap 9.

Illi mill-provi prodotti il-Qorti thoss li x-xhieda moghtija mill-imputat kif korroborata minn ommu dwar il-feriti u aggressjoni li subixxa hu, minn ohtu Doris Gauci dwar fejn kienu l-feriti, mill-okkorrenza dwar il-hin tal-incident, minn Maria Seguna li ghamlitlu l-café [u kieku verament l-ahwa kienu qed jiggieldu mill-bidu ma kienetx toffri li taghmel l-café]. Filwaqt li x-xhieda ta' Carmel Vella ma hiex korroborata lanqas minn Maria Seguna ghaliex f'hafna dettalji ma jaqblux anke dwar is-semplici post fejn waqa l-

imputat u cioe jekk kienx tgerbeb fuq t-tapit jew jekk waqax fit-triq. Hadd ma ra l-hsarat isiru salv ghal Carmel Vella u Maria Seguna u l-Qorti ma hiex konvinta li kien l-imputat li ghamel dik il-hsara jew li verament kellu xi strument bil-ponta u li jaqta.

**Ghalhekk il-Qorti wara li rat l-artikolu tal-ligi u cioe l-artikolu 325(b) tal-Kap 9 u l-artikolu 3(1) u 22 tal-Kap 66 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li ma ssibx lil imputat SEBASTIAN VELLA hati tal-akkuzi kollha kif dedotti fil-konfront tieghu u tilliberah minn kull imputazzjoni u htija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------